MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 43

11 ta' Ottubru 2010

Minuti tas-Seduta Nru. 43 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 11 ta' Ottubru 2010.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Viċi Sindku E. Bartolo aċċenna għall-minuta 7.3. **(Ref:T/4/13/Vol XI)** u ppropona li tinqara kif ġej:

"7.2. Il-Kunsill kien tal-fehma li:

- Triq il-Mitħna l-Ġdida għandha tiġi mneħħija mir-rotta tal-karozzi tal-linja sejrin lejn il-Belt, u minflok għandu jsir użu minn Triq Qasam Barrani u Triq L. Wettinger;
- l-*parking* għandu jiġi pprojbit fi Triq is-Santwarju;
- Triq il-Wied u Triq Mons. Indri Fenech għandhom jsiru *one-ways* bit-tabelli "*No Entry*" fi Triq Mons. Indri Fenech kantuniera ma' Triq Ġnien Ingraw;
- Isiru tabelli "*No Entry*" fi Triq il-Wied kantuniera ma' Triq Mons. Indri Fenech, flimkien ma' tabella oħra bi vleġġa li turi d-direzzjoni tat-traffiku;
- Triq Ġnien Ingraw issir *one-way*, bejn Triq San Luqa u Triq il-Wied, bit-tabelli *No Entry* kantuniera ma' Triq il-Wied; u
- Isir *bus stop* temporanju fi Triq l-Erwieħ kantuniera ma' Triq Salvinu Vella.".

1.2. Il-Kunsill approva l-minuti tas-seduta Nru. 42 li saret fit-13 ta' Settembru 2010, u għalhekk ġew iffirmati.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Pjan għall-Iżvilupp Rurali - Miżura 323 – *Heritage Trail* f'Selmun (P/10/3)

2.1.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-aħħar tibdil li kellu jsir kien ġie konkluż flimkien mal-Aġenzija tal-Pagamenti.

2.1.3. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp.

### 2.2.1. *Green Challenge and Cummunity Involvement Awards* (F/1/7/Vol II)

2.2.2. Saret referenza għall-minuta 4.1.1. tas-seduta preċedenti biex il-Kunsill ġie nfurmat li n-nomini għal dawn il-premjijiet kienu ġew sottomessi fuq il-kriterji maqbula fis-seduta preċedenti.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif moghti.

### 2.3.1. Xiri ta' servizzi b'rabta ma' applikazzjonijiet u rappurtaġġ dwar proġetti ffinanzjati taħt il-programmi tal-Unjoni Ewropea (C/3/1)

2.3.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 8.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li huwa kkuntattja lis-Sinjorina Gabriella Agius illi hija persuna li għandha esperjenza f'dan il-qasam, peress li kienet impjegata mal-Agenzija tal-Programmi tal-Unjoni Ewropea. Huwa qal li diġa ġie mgħoddi lilha l-materjal konness mal-proġett *Mellieħa Nights* li twettaq bil-finanzjament permezz tal-Programm *Citizens Meetings* tal-Unjoni Ewropea, sabiex ikun jista' jiġi ppreparat ir-rapport finali.

2.3.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.4.1. Sentenzi tal-Qorti li jinvolvu xogħol fil-komunita` (A/8/2)

2.4.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 4.3.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li tkomplew il-kuntatti mal-probation officers konċernati u ġie stabbilit li għandu jiġi assenjat biss wieħed mill-persuni li ngħataw is-sentenza ta' 300 siegħa xogħol fil-komunita`. Dan ser ikun il-persuna li attwalment huwa bla xogħol u għalhekk faċilment jista' jiġi ntegrat mal-ħaddiema l-oħra tal-IPSL u l-ETC. It-tnejn l-oħra ser jintbagħtu jaħdmu Villa Chelsea fejn ikun possibbli li jaħdmu taħt superviżjoni fi tmiem-il ġimgħa. Is-Sur C. Debono għarraf ukoll li laqgħa oħra mal-*probation officers* ser issir fil-15 ta' Ottubru 2010 fil-preżenza tal-persuna konċernata.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 08/09/10 – 07/10/10
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 02/09/10 – 16/09/10
- *Purchase Request Form* – 07/10/10
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Sejħa għall-Offerti 4/2010 – Twaqqif ta' Monument fi Triq Qasam Barrani / Triq il-Mitħna l-Ġdida – 30/09/10
- Sejħa għall-Offerti 5/2010 – Servizz dwar il-Ġ**bir ta' Skart Goff**

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Żvilupp fi Triq Snajjin k/m Triq Adenau (P/5/8/4)

4.1.2. Saret referenza għal applikazzjonijiet PA 3232/10 sabiex jinbnew żewġ sulari u ieħor addizzjonali fuq blokka appartamenti bil-garaxxijiet magħha eżistenti f'"Bella Vista" , Block 1, Triq Snajjin, bil-għan li jiżdiedu erba' appartamenti u żewġ *penthouses*. Saret referenza wkoll għal applikazzjoni oħra simili - PA 3157/10 – li tinvolvi iż-żieda ta' żewġ sulari fuq il-blokka eżistenti, biswit l-ewwel blokka, bl-isem ta' "Bella Vista", Block 5 li tinvolvi sitt appartamenti u żewġ *penthouses* oħra.

4.1.3. Inġibdet l-attenzjoni wkoll li fl-2007 kien hemm żewġ applikazzjonijiet simili – PA 6359/07 u PA 6480/07 illi jinvolvu Block 2 u 3, li huma diġa koperti bil-permess tal-MEPA. Intqal ukoll li l-*policy* skond il-Pjan Lokali dwar l-għoli tal-bini għal din iż-żona, tistabilixxi l-limitu ta' tliet sulari u *basement* ta' tliet filati 'il fuq mill-wiċċ tat-triq.

4.1.4. Intqal ukoll li din l-estensjoni ser tirriżulta f'aktar nuqqas ta' faċilitajiet għall-ipparkjar għaliex mhux neċessarjament kull minn jokkupa dawn l-appartamenti ser jingħata awtomatikament garaxx mil-livelli ta' taħt. Saru kummenti wkoll li l-istess bini ser iħalli mpatt viżwali qawwi b'mod speċjali meta wieħed iħares mid-direzzjoni tal-Wied tal-Madonna.

4.1.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li bil-għajnuna tal-*Contracts Manager* għandha tiġi mistħarrġa r-relazzjoni bejn il-permessi li nħarġu fl-2007 u l-applikazzjoni l-ġodda u kif dawn jinkwadraw fil-*policies* tal-Pjan Lokali.

### 4.2.1. Attivitajiet b'risq il-*Malta Community Chest Fund* (C/1/Vol XIII)

4.2.2. Saret referenza għal Memo 126/2010 tat-23 ta' Settembru 2010, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn tħabbar li s-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali, bil-kollaborazzjoni tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qed iniedi inizjattiva għall-Kunsilli Lokali sabiex isiru sforz kollettiv u jinġabru fondi b'risq il-*Community Chest Fund*. Il-Kunsilli għalhekk ġew mistiedna biex bejn id-19 u l-21 ta' Novembru 2010, jorganizzaw attivitajiet u jieħdu inizjattivi ħalli jinġabru fondi bl-involviment tar-residenti u l-għaqdiet tal-lokalita`. Il-flus miġbura minn kull lokalita` se jiġu preżentati lill-President ta' Malta waqt attivita` apposta organizzata mis-Segretarjat. Il-Kunsilli ngħataw sal-15 ta' Ottubru 2010 biex juru l-intenzjoni tagħhom.

4.2.3. Il-Kunsill innota li fit-22 ta' Ottubru 2010 ser tkun għaddejja konferenza fil-Maritim Hotel Antonin & Spa li għaliha se jattendu madwar 100 delegat mill-Italja, fejn il-Kunsill huwa mistieden jattendi. Huwa qal li f'din il-konferenza jista' jsir appell sabiex jinġabru l-fondi b'risq il-*Community Chest Fund*.

### 4.3.1. Periklu fi Triq Għajn Żejtuna (T/3/2/Vol X)

4.3.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 20 ta' Settembru 2010, mibgħut mis-Sur Sammy Gatt li talab sabiex issir mera faċċata tal-garaxx tiegħu kif ukoll *speed humps* bil-għan li titnaqqas il-veloċita` tat-traffiku hekk kif ikun qed joqrob id-dwawar li hemm fin-naħa ta' fuq fi Triq Għajn Żejtuna.

4.3.3. Il-Kunsill ma' sabx oġġezzjoni li titwaħħal mera faċċata tal-garaxx li jinsab f'Nru. 22. Kien hemm qbil li minflok l-introduzzjoni ta' *speed humps* għandhom jiġu kkunsidrati *rumble strips*. Għaldaqstant kien hemm qbil li jsiru rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta f'dan is-sens.

### 4.4.1. Ħaddiema fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill (P/7/1/Vol VIII)

4.4.2. Saret referenza għal ittra datata 4 ta' Ottubru 2010, mibgħuta mill-impjegata s-Sinjura Patricia Cordina, li għarfet illi ser tirriżenja mill-kariga msemmija.

4.4.3. Is-Segretarju għarraf li l-kuntratt tal-impjieg relattiv jipprovdi li għandu jingħata perjodu ta' 90 jum qabel jiġi tterminat l-istess kuntratt, liema perjodu jiskatta hekk kif il-Kunsill jirċievi n-notifika. Huwa qal ukoll li s-Sinjura Cordina lesta li taħdem dan il-perjodu.

**4.4.4.** Il-Kunsill qabel li għandu jiġi verifikat mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jiġu verifikati d-dettalji tal-proċedura apparti dawk indikati fil-liġi. Dan bil-għan li jkun jista' jinbeda l-proċess biex tiġi mpjegata persuna oħra.

**4.4.5.** Inġibdet l-attenzjoni wkoll li fit-30 ta' Settembru 2010, is-Sinjura Marica Azzopardi għaddielha ż-żmien li hija kellha taħdem fuq bażi ta' *tele-working*, matul liema perjodu hija kienet tattendi fl-uffiċċju żewġ nofs ta' nhari fil-ġimgħa. Permezz ta' ittra data 29 ta' Ottubru 2010, hija talbet li tibda tattendi l-uffiċċju mit-Tnejn sal-Ġimgħa, bejn it-8.00am u s-2.00pm, filwaqt li l-kumplament tas-siegħat taħdimhom mid-dar. Hija talbet li taħdem b'dan il-mod billi hija omm ta' żewġt itfal li għadhom dipendenti fuqha minħabba l-eta' tenera tagħhom.

**4.4.6.** Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni s-servizz eċċellenti mogħti mis-Sinjura Azzopardi u approva t-talba tagħha li tkun suġġetta għar-riviżjoni aktar 'il quddiem.

### 4.5.1. Rikonoxximent għal inizjattivi ambjentali mill-Vodafone (P/2)

4.5.2. Sar aċċenn għal Memo 118/2010 tat-23 ta' Awwissu 2010, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn tħabbar li fl-okkażjoni tal-għoxrin anniversaru mit-twaqqif tal-kumpanija tat-telefonija ċellulari Vodafone, l-istess kumpanija ser tagħti premjijiet għal inizjattivi ambjentali meħuda mill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill ġie mgħarraf li kienet sottomessa nomina bis-saħħa tal-Park tal-Familja li attwalment qed tiġi mplimentata t-tieni fażi tiegħu fl-inħawi Tal-Ibraġ.

4.5.3. Il-Kunsill approva l-azzjoni li ttieħdet.

**4.6.1. PA 1859/10 – Puġġaman fi Triq il-Qalb Imqaddsa (P/5/8/Q)**

4.6.2. Saret referenza għal ittra datata 8 ta' Ottubru 2010 mibgħuta mill-Periti Bezzina & Cole f'isem Galencia Ltd sabiex issir rampa u puġġaman tal-injam fit-triq imsemmija. Dan bil-għan li jiġi pprovdut aċċess għal persuni b'diżabilita` għal skola proposta fi Triq il-Qalb Imqaddsa kantuniera ma' Triq Ġorġ Borg Olivier.

4.6.3. Wara li l-Kunsill ra l-pjanti sottomessi, ma sabx oġġezzjoni sakemm l-istrutturi proposti ma jkunux permanenti u għalhekk għandhom ikunu kollha tal-injam, filwaqt li bl-ebda mod m'għandhom jostakolaw il-passaġġ tal-ilma.

**4.7.1. Użu tal-faċilitajiet fl-Iskola Primarja (S/3/6)**

**4.7.2.** Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 11.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li saru rappreżentazzjonijiet mal-Kunsill Malti għall-Isports, kemm mill-Mellieħa Sports Club, kif ukoll mill-Mellieħa Tritons Club dwar l-użu tal-bitħa tal-iskola għat-taħriġ tat-timijiet tal-basketball u n-netball.

**4.7.3.** Is-Sindku għarraf li fl-14 ta' Ottubru 2010 għandha ssir laqgħa mal-Prinċipal tal-Kulleġġ Maria Regina s-Sur Mario Testa.

**4.7.4.** Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

4.8.1. ***Post Mortem*** **– Iljieli Melleħin 2010 (A/5/3/5/Vol II)**

4.8.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg aċċenna għall-minuta 9.1. tas-seduta preċedenti, kif ukoll għall-kumment li deher fil-ħarġa ta' "Il-Mellieħa" ta' Ottubru 2010 fejn kien hemm kumment li t-tip ta' mużika li ndaqqet fil-Bitħa tas-Santwarju mill-banda Ġermaniża waqt l-Iljieli Melleħin ma kinitx addattata għal dak il-post. Fl-istess artiklu ngħad ukoll li jekk jerġa' ikun hemm programm ta' dak it-tip għandu jintrama palk 'l barra mit-Bitħa tas-Santwarju.

4.8.3. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li filwaqt illi jifhem is-sentiment ta' min kiteb l-artiklu, wieħed jistenna li jinkiteb u tittiehed azzjoni dwar diversi nuqqasijiet li hemm f'dan il-post, fosthom: funtana ma taħdimx; bini fi stat perikoluż; ir-restawr tas-Santwarju; u l-ħinijiet tal-ftuħ.

4.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

4.8.5. Is-Sindku aċċenna għall-fatt illi l-Kap tal-Opposizzjoni, l-Onor. Joseph Muscat kien indispost meta huwa ġie mistieden jattendi l-ftuħ tal-Iljieli Melleħin fid-9 ta' Settembru. Huwa fakkar li l-mistednin distinti f'dik is-serata kienu ġew ppreżentati kopja tal-ktieb *"Quest for Identity – The Mellieħa Experience".* Is-Sur R. Cutajar ppropona li l-ktieb għandu xorta waħda jiġi ppreżentat fiċ-Ċentru Nazzjonali tal-Partit Laburista fit-12 ta' Ottubru fil-preżenza tal-awtur, is-Sur Paul P. Borg.

4.8.6. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**4.9.1. Stedina għall-programm fuq ONE TV (M/3/Vol III)**

4.9.2. Is-Sindku rrefera għal *e-mail* datat 5 ta' Ottubru 2010, mibgħut mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li fih saret stedina lis-Sindku u l-Kunsillieri mill-*producer* tal-programm "Affari Tagħna" ippreżentat minn John Bundy, sabiex jieħdu sehem fil-programm tal-15 ta' Ottubru. Is-Sur R. Cutajar qal li ġew riżervati seba' postijiet, filwaqt li ntalbet konferma dwar minn jixtieq jattendi.

4.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 7 ta' Ottubru 2010.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn it-8 ta' Settembru u s-7 ta' Ottubru 2010.

6.3. Tressqet wkoll Skedata' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* li tkopri bejn it-2 u s-16 ta' Settembru 2010.

6.4. Il-Kunsill approva l-iskedi msemmija u għalhekk ġew iffirmati.

**7.1. Sejħa għall-offerti Nru. 2/2010 – Servizz dwar il-Ġbir tal-Iskart Domestiku Mħallat (K/6/2/Vol V)**

7.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li meta dan is-suġġett tpoġġa fuq l-aġenda kien maħsub li t-*Tender Adjudication Board* ser ikun temm l-evalwazzjoni tiegħu fuq l-offerti li daħlu. Intqal li l-Bord kien iltaqgħa fit-8 ta' Ottubru 2010, iżda kien għadu ma kkonkludiex, peress li ntalab tagħrif addizzjoni mingħand wieħed mill-offerenti li ġew *shortlisted*.

7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**8.1. Sejħa għall-offerti Nru. 5/2010 – Servizz ta' Ġbir ta' Skart Goff (K/6/8)**

8.2. Saret referenza għall-iskeda ta' offerti li ġiet mgħoddija lill-kunsillieri kollha qabel is-seduta. Il-Kunsill ġie mgħarraf li dan is-suġġett qed għad-diskussjoni mit-*Tender Adjudication Board*.

8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**9.1. Sejħa għall-offerti Nru. 4/2010 – Twaqqif ta' Monument fir-*roundabout* ta' Triq Qasam Barrani / Triq il-Mitħna l-Ġdida (K/6/4/1)**

9.2. Saret referenza għall-iskeda ta' offerti li ġiet mgħoddija lill-membri kollha qabel is-seduta. Intqal li l-evalwazzjoni tal-offerti li daħlu mit-*Tender Adjudication Board* bdiet fil-laqgħa li saret fit-8 ta' Ottubru 2010, filwaqt li fit-13 ta' Ottubru 2010 ser issir laqgħa mal-offerenti fil-preżenza tad-*designer* u l-perit.

9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**10.1. *European Tourism Forum* (K/12)**

10.2. **Is-Sindku għarraf li waqt konferenza stampa li saret fil-11 ta' Ottubru 2010 tħabbar li** Malta rebħet id-dritt li torganizza l-konferenza internazzjonali msemmija, li ser issir bejn is-17 u d-19 ta' Novembru 2010. Huwa mistenni li għall-forum jattendu madwar 300 delegat, fosthom Ministri tat-Turiżmu mill-pajjiżi msieħba fl-Unjoni Ewropea.

10.3. Is-Sur R. Cutajar qal li l-Mellieħa ser tkun involuta f'attivita` soċjali li ser tkun tifforma parti mill-konferenza. Din ser tkun taħt tinda kbira li ser tintrama f'Misraħ il-Parroċċa. Is-Sindku ppropona l-attrazzjonijiet f'din l-attivita` tista' tkun il-parteċipazzoni ta' vetturi kollettibbli fil-ġarr tad-delegati għal żjarat fil-Mużew tat-Tunnara u fit-Torri l-Aħmar. Ġie ssuġġerit ukoll li jsir *press pack* li jitqassam fil-kmamar tal-lukandi fejn ser ikunu alloġġjati d-delegati.

10.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa jaqbel li l-Kunsill għandu jkun involut f'organizzazzjoni ta' din il-konferenza, flimkien mal-Gvern Ċentrali, iżda l-ispejjeż għandhom jiġu stabbiliti minn qabel sabiex jitfassal *budget*.

10.5. Il-Kunsill qabel li għandu jalloka s-somma ta' €5,000 mill-vot 3320 intiż għall-Ispejjeż tal-Konferenzi.

**11.1. Tħejjijiet għal Milied Mellieħi 2010 (A/5/3/6/Vol III)**

11.2. Fil-bidu tad-diskussjoni fuq dan is-suġġett, il-Kunsill ġie mgħarraf li permezz ta' ittra data 30 ta' Settembru 2010, is-Societa` Filarmonica La Vittoria għarrfet li l-Programm Mużikali Annwali tagħha ser jingħata fl-4 ta' Diċembru fis-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja, filwaqt li talbu jingħataw *stand* taħt it-tinda matul il-jiem ta' Milied Mellieħi 2010.

11.3. Is-Sur R. Cutajar għarraf li biex l-għaqdiet isiru konxji tal-ħsiebijiet tal-Kunsill dwar l-edizzjoni Milied Mellieħi 2010, kif ukoll ikun hemm bdil ta' idejat, ser issir laqgħa apposta fil-*Video Room* tal-Iskola Primarja fis-17 ta' Ottubru 2010.

11.4. Is-Sindku rrefera għall-*e-mail* datat 5 ta' Ottubru 2010, mibgħut mill-istazzjoni tar-radju RTK, fejn sar appell sabiex il-Kunsill jipparteċipa fil-kampanja filantroprika b'risq id-Dar tal-Provvidenza li tilħaq il-qofol tagħha fl-1 ta' Jannar 2011.

11.5. Issemmiet il-possibilta` li l-inawgurazzjoni tal-ġnien pubbliku f'Mellieħa Heights tista' tkun waħda mill-attivitajiet marbuta ma' Milied Mellieħi. F'dan il-każ tkun tista' issir ukoll *fun run* madwar l-istess żona bil-kollaborazzjoni tal-Mellieħa Athletics Club. Is-Sindku kkummenta li din tiddependi mill-istadju li jkun wasal fih ix-xogħol fuq il-proġett tal-ġnien imsemmi.

11.6. Il-Kunsill qabel ukoll li għandhom jintalbu stimi għall-armar tat-tinda u l-kiri u t-tħaddim tas-sistema tal-audio meħtieġa.

11.7. Il-Kunsill approva l-azzjonijiet proposti li jittieħdu.

## 12.1. *EDEN Network Meeting* 2011 (T/12/2)

12.2. **Is-Sindku għarraf li fil-11 ta' Ottubru 2010 ingħatat konferenza stampa fejn tħabbar li l**-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, f'isem Malta rebaħ id-dritt li jorganizza l-konferenza internazzjonali msemmija f'Marzu jew April 2011 fil-Mellieħa stess. Is-Sur R. Cutajar qal li l-konferenza tal-aħbarijiet kienet indirizzata mis-Segretarju Parlamentari għat-Turizmu l-Onor. Mario de Marco u l-Kap Eżekuttiv tal-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu, Josef Formosa Gauci. Is-Sur Cutajar qal li għal din il-konferenza mistennija jattendu madwar 200 delegat mill-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea wara li Malta rebħet il-kompetizzjoni li kellha minn sitt pajjiżi oħra. Malta intagħżlet għall-konferenza fil-preżenza ta' Sig. Antonio Tajani, il-Vici President tal-Kummissjoni Ewropea u l-Kummissarju responsabbli mit-Turiżmu.

12.3. **Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.**

## 13.1. Konferenza fil-Mellieħa (T/12/2)

13.2. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fit-22 ta' Ottubru 2010 se ssir konferenza fil-Maritim Hotel Antonin & Spa li għaliha se jattendu madwar 100 delegat mill-Italja. Huwa qal li din il-konferenza ġiet attirata fil-Mellieħa permezz tal-kuntatti li jeżistu mal-Professur Carrodo Monaca il-President tal-Movimento Azzurro, kif ukoll mal-Comune di Pozzallo. Huwa qal li waqt l-istess konferenza ser jiġu ppreżentati żewġ kotba, wieħed minn awtur Taljan Michele Giardina – "*Mare Forza 7*" u ieħor mill-Mellieħa, proprju l-ktieb mis-serje` Ħannieqa Kotba Melleħin - "*Quest for Identity – The Mellieħa Experience*" - ta' Paul P. Borg. Fl-istess okkażjoni wieħed ser ikun jista' iduq kemm prodotti tal-ikel tipiċi, kif ukoll ser jiġu mistiedna bejjiegħa ta' dawn il-prodotti.

13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 14.1. Stampar ta' mappa turistika tal-Mellieħa (T/12/1)

14.2. Is-Sindku għarraf li saritlu proposta mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu sabiex tiġi stampata mappa tal-Mellieħa, fejn ikun hemm indikati postijiet ta' interess u fejn wieħed jista' jsib ċerti faċilitajiet li jinteressaw lit-turisti. Huwa qal li din tinvolvi spiża ta' madwar €500.

14.3. Is-Segretarju kkonferma li din l-ispiża tista' tiġi koperta bil-vot 2930 intiż għar-Relazzjonijiet Pubbliċi.

14.4. Il-Kunsill approva din l-inizjattiva.

## 15.1. Ġimgħa Maltija fi Brussel (T/12/Vol II)

15.2. Is-Sindku aċċenna għall-parteċipazzjoni fl-attivita' msemmija li saret bejn l-4 u s-7 ta' Ottubru 2010 fil-pjazza ta' quddiem il-Parlament Ewropej fi Brussel. Il-Kunsillier J. Buttigieg u s-Sindku kkummentaw li l-wirja żaruha diversi personalitajiet u għalhekk il-Mellieħa ngħatat pubbliċita` tajba, kemm bir-ritratti kbar li kien hemm fl-i*stand*, kif ukoll bl-ikel u bir-rappreżentazzjoni tat-tieġ Malti mill-membri tal-Historical and Military Society. Is-Sindku qal ukoll li ngħatat intervista lill-istazzjon ONE TV li ser tiġi mxandra fil-programm ta' nhar ta' Sibt "Bla Aġenda".

15.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li min-naħa tal-Kunsill attendew is-Sindku u l-Kunsillier J. Buttigieg. Il-Viċi Sindku E. Bartolo ma telgħax minħabba l-ispiża addizzjonali nvoluta.

15.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 16.1. *Billboard* fit-Telgħa ta' Selmun (A/5/3/5/Vol II)

16.2. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għall-*billboard* li hemm fit-telgħa ta' Selmun. Huwa staqsa dwar jekk entitajiet kummerċjali humiex jingħataw l-opportunita` li jirriklamaw fuqu. Dan peress li ir-riklam illi kien hemm tal-Iljieli Melleħin inbidel ma' ieħor tal-Maritim Hotel Antonin & Spa.

16.3. Is-Sindku wieġeb li din l-opportunita` ingħatat lill-lukanda msemmija, wara li din tat skont ta' €300 fuq l-akkomodazzjoni tad-delegazzjoni minn Agia Napa, li ħadu sehem fl-Iljieli Melleħin bejn id-9 u t-12 ta' Settembru 2010. Huwa qal li dan issa dalwaqt ser jiġi mibdul ma' ieħor ta' Milied Mellieħi 2010, sakemm ma tinqalax opportunita` oħra qabel. Is-Sindku kkummenta li ma jarax xejn ħażin li entitajiet kummerċjali oħra jingħataw l-istess opportunita` bejn l-attivitajiet ewlenin tal-Kunsill.

16.4. Il-Kunsill qabel mal-ispjegazzjoni mogħtija.

## 17.1. Skema dwar Korsijiet *Lifelong Learning* (E/3/1/Vol III)

17.2. Il-Kunsillier C. Bartolo aġġorna lill-Kunsill dwar l-iżviluppi li kien hemm dwar il-korsijiet li qed jiġu kordinati flimkien mad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni. Huwa qal li għal kors tal-i*Studying Skills* applikaw biex jattendu 21 ġenitur u fil-fatt ser issir klassi waħda li ser ikollhom żewġ lezzjonijiet fil-ġimgħa fuq medda ta' erbatax-il ġimgħa. Insab għalliem u ser issir laqgħa ta' introduzzjoni għalihom fil-*Video Room* tal-Iskola Primarja fl-14 ta' Ottubru 2010. Billi l-kors ser jingħata fl-istess post, saret talba lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex jiġu rkuprati l-ispejjeż mitluba biex il-post jinżamm miftuħ wara l-ħin.

17.3. Fir-rigward tal-kors tal-bizzilla ser ikun hemm żewġ klassijiet u dawn ser isiru bil-kollaborazzjoni tal-Ladies Craft Circle fiċ-Ċentru Parrokkjali. Is-Sur C. Bartolo qal li għadhom għaddejjin il-kuntatti mal-Art Club 2000, bil-għan li anke magħhom jiġi organizzat kors simili, li jingħata fis-sede tagħhom fi Triq San Publiju. Kompla jgħid li hemm applikanti li mhumiex membri mal-Ladies Craft Circle u allura jistgħu jitpoġġew fil-kors tal-Art Club 2000.

17.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-proposta mressaq.

## 18.1. Attivitajiet marbuta mal-ġemellaġġi (K/1/5/4)

18.2. Is-Sindku aċċenna għall-istedina li saret mill-Kunsill Lokali ta' Agia Napa f'Ċipru għall-*Agia Napa Festival* li seħħ bejn it-23 u s-27 ta' Settembru. Is-Sur R. Cutajar qal li flimkien miegħu attendew il-Kunsillieri J. Azzopardi u P. Cutajar u grupp ta' persuni oħra mill-Mellieħa. Waqt l-istess attivita` kien hemm *stand* tal-Mellieħa fejn kien hemm ritratti ta' postijiet ta' interess, kif ukoll tqassam materjal promozzjonali dwar il-lokalita`.

18.3. Is-Sur R. Cutajar rrefera għal stedina oħra li saret għall-Festival Medjevali, li għandu jseħħ f'Agia Napa, bejn is-16 u t-23 ta' Ottubru 2010. Huwa qal li kellu jattendi l-Kunsillier Clayton Bartolo, iżda mhux possibbli għaliħ li jagħmel dan, minħabba raġunijiet ta' xogħol.

18.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 19.1. Premjijiet Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża (N/1)

19.2. Is-Sindku għarraf li mill-aħħar seduta kien hemm sejħa mid-Diviżjoni tal-Kummerċ għall-premjijiet imsemmija. Billi d-data tal-għeluq kienet il-15 ta' Ottubru 2010, ittieħdet l-inizjattiva biex ġiet sottomessa nomina fuq il-kriterji segwenti:

- Sfruttar tal-ġemellaġġi li għandha l-Mellieħa għall-avvanz tal-intrapriżi żgħar u medji (SME's);
- Kampanja ta' reklamar mill-Kunsill barra minn Malta sabiex il-Mellieħa tingħata aktar viżibilita`;
- Proġetti li huma programmati li jitwettqu mill-Kunsill bħalma huwa l-iżvilupp ta' *heritage trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ;
- Pubblikazzjonijiet minn awturi Melleħin; u
- Konferenza tal-European Tourism Forum f'Marzu/April 2011;

19.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fil-10.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn l-1 ta' Novembru 2010, fis-7.00pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**